WIKIPEDIA

Filosofija

Il-**Filosofija** hi l-istudju ta' problemi ġenerali u fundamentali, bħal dawk marbutin mal-eżistenza, l-għarfien, il-valuri, ir-raġuni, il-menti (il-moħħ), u l-lingwa.[1][2] Il-filosofija tiddistingwi ruħha minn metodi oħrajn li jindirizzaw l-istess problemi bil-mod kritiku u ġeneralment sistematiku tagħha, u mid-dipendenza tagħha fuq l-argumentazzjoni razzjonali.[3] Il-kelma "filosofija" ġejja mill-Grieg - φιλοσοφία (*philosophia*), li litteralment tfisser "imħabba għall-għerf".[4][5][6]

L-Iskola ta' Ateni (1509-1510), jew bit-Taljan *Scuola di Atene* - affresk tal-artist Taljan Raffaello Sanzio.

Werrej

Etimoloġija

Fergħat tal-filosofija

- L-Epistemoloġija
- Il-Loġika
- Il-Metafiżika

Referenzi

Ara wkoll

Etimoloġija

Ara Metafilosofija

L-introduzzjoni tat-termini "filosfu" u "filosofija" hi attribwita lill-ħassieb Grieg Pitagora.[7] L-attribuzzjoni hi magħduda li hi bbażata fuq silta minn xogħol illum mitluf ta' Herakleides Pontikos, dixxiplu ta' Aristotli. Ix-xogħol hu meqjus parti minn korp wiesa' ta' leġġendi ta' Pitagora. "Filosfu" kienet meqjusa kelma li tikkuntrasta ma' "sofist" (minn *sophoi*). Sofisti li kienu jivvjaġġaw, jew "għorrief", kienu importanti fil-Greċja klassika, ħafna drabi jaqilgħu l-għajxien tagħhom bħala għalliema, filwaqt li l-filosfi kienu "maħbubin tal-għerf" u mhux professjonisti.

Filwaqt li l-filosofija kienet tfisser kwalunkwe tfittxija għall-għerf, il-qasam ittrattat mill-filosofija naqas biż-żmien.[8][9] Meta beda jkun hemm iktar qbil dwar il-fatti, it-terminu filosofija naturali beda jinbidel f'dawk imsejħin ix-xjenzi, bħall-fiżika, il-kimika u l-bijoloġija.[9] Il-psikoloġija, xjenza soċjali, bdiet tiġi kkunsidrata xjenza separata mill-filosofija fis-seklu għoxrin.[9]

Fergħat tal-filosofija

L-oqsma ewlenin tal-istudju tal-filosofija jinkludu l-epistemoloġija, il-loġika, il-metafiżika, l-etika u l-estetika.[10][11]

L-Epistemoloġija

Biex tapprofondixxi, ara l-artiklu: Epistemoloġija.

L-epistemoloġija tittratta n-natura u l-iskop tal-għarfien, bħar-relazzjoni bejn il-verità, it-twemmin, u teoriji tal-ġustifikazzjoni.

Ix-xettiċiżmu hu l-pożizzjoni li tqajjem mistoqsijiet dwar il-ġustifikazzjoni ta' kwalunkwe verità. It-Trilemma ta' Münchhausen tgħid li t-tliet għażliet biex biex wieħed jipprova bis-sod kwalunkwe verità m'humhiex sodisfaċenti. L-ewwel metodu hu l-argument tar-rigress fejn, b'rigress infinit, kull prova tiġi bżonn iktar provi. L-infinitiżmu jsostni li din il-katina tista' ma tieqaf qatt. Metodu ieħor hu fondazzjonaliżmu, fejn il-ġustifikazzjoni eventwalment isserraħ fuq twemmin bażiku jew assjomi mhux ippruvati. L-atomiżmu loġiku jsostni li hemm "fatti" loġiċi (jew "atomi") li ma jistgħux jinqasmu f'biċċiet iżgħar. It-tielet metodu ta' ġustifikazzjoni jinvolvi raġunament cirkolari, fejn it-teorija u l-prova jsostnu lil xulxin. Il-koerentiżmu isostni li twemmin huwa [ġustifikat jekk ikun koerenti ma' sistema iktar wiesa' ta' twemmin. B'mod iktar speċifiku, il-it-teorija tal-koerenza tal-verità tafferma li dak li hu minnu hu dak li jikkoera ma' xi ġabra speċifika ta' propożizzjonijiet.

Ir-Razzjonaliżmu jemfasizza r-raġuni bħala l-għajn tal-għarfien. L-Empiriċiżmu huwa l-emfażi fuq evidenza osservata permezz tas-sensi bħala s-sors tal-għarfien.

Il-Loġika

Biex tapprofondixxi, ara l-artiklu: Loġika.

Il-loġika hi l-istudju tal-prinċipji ta' konklużjonijiet (inferenzi) validi u ta' raġunament korrett. Illum is-suġġett tal-loġika għandu żewġ oqsma vasti: il-loġika matematika (loġika simbolika formali) u dik imsejħa l-loġika filosofika. F'raġunament deduttiv, argument jinbena billi jiġi muri li xi konklużjoni loġika tiżvolġi b'mod naturali minn sett ta' ċerti premessi. Argument bħal dan jissejjaħ silloġiżmu. Argument jissejjaħ validu jekk il-konklużjoni tiegħu tassew titwassal mill-premessi tiegħu, kemm jekk il-premessi huma veri jew le, filwaqt li argument jagħmel sens jekk il-premessi li minnu ħareġ huma veri. Konklużjonijiet minn premessi jirrikjedu r-regoli tal-inferenza, bħal, eżempju, l-iktar metodu popolari, il-modus ponens. Loġika propożizzjonali sempliċi tinvolvi konklużjonijiet minn prepożizzjonijiet, li huma dikjarazzjonijiet li jistgħu ikunu kemm veri jew foloz. Il-Loġika tal-predikat tittratta konklużjonijiet minn varjabbli li jridu jiġu kkwalifikati minn ikkwantifikaturi meta huma veri u meta huma foloz. Raġunament induttiv iwassal għal konklużjonijiet u ġeneralizzazzjonijiet ibbażati fuq raġunament probabilistiku.

Il-Metafiżika

Biex tapprofondixxi, ara l-artiklu: Metafiżika.

Il-metafiżika tittratta temi dwar ir-realtà, bħall-eżistenza, ir-relazzjoni bejn il-menti (il-moħħ) u l-ġisem, l-oġġetti u l-karatteristiċi, avvenimenti and l-kawżalità. Friegħi oħra tradizzjonali tal-metafiżika huma l-kożmoloġija u l-ontoloġija.

L-Idealiżmu hu l-twemmin li r-realtà hi fundamentalment mibnija mill-menti, jew inkella li hi immaterjali, filwaqt li r-realiżmu jsostni li r-realtà, jew għallinqas partijiet minnha, teżisti indipendentement mill-menti. Il-partikolari huma dawk l-oġġetti magħduda li jeżistu fi spazju u ħin, bil-maqlub ta' astratti, bħan-numri. L-universali huma karatteristiċi ta' partikolari multipli, bħall-ħmura, jew il-ġeneru. It-tip ta' eżistenza ta' universali u oġġetti astratti hi dibattibbli. Ir-realiżmu huwa kultant użat biex isostni l-eżistenza ta' dawn tal-

aħħar, filwaqt li n-nominaliżmu huwa kultant użat biex jissimbolizza ċ-ċaħda tal-universali, l-astratti, jew it-tnejn.[12] Il-kunċettwaliżmu jsostni li l-universali jeżistu, iżda jeżistu biss fi ħdan il-perċezzjoni tal-moħħ.[13]

Il-mistoqsija dwar jekk l-eżistenza hijiex karatteristika ilha tiġi diskussa mill-bidu tal-perjodu Modern. L-essenza hi l-ġabra tal-attributi li jagħmlu oġġett dak li fundamentalment hu u li mingħajrhom jitlef l-identità tiegħu. L-essenza tikkuntrasta mal-aċċident: karatteristika li s-sustanza għandha b'mod kontinġenti u li mingħajra s-sustanza xorta tista' żżom l-identità tagħha.

Referenzi

1. ^ Jenny Teichmann and Katherine C. Evans, *Philosophy: A Beginner's Guide* (Blackwell Publishing, 1999), p. 1: "Il-filosofija hi studju ta' problemi aħħarin, astratti u ġenerali ħafna. Dawn il-problemi jikkonċernaw in-natura tal-eżistenza, l-għerf, il-moralità, ir-raġuni u l-għan tal-bniedem."
2. ^ A.C. Grayling, *Philosophy 1: A Guide through the Subject* (Oxford University Press, 1998), p. 1: "L-għan tal-inkjesta filosofika hu l-kisba t'għarfien dwar l-għerf, il-verità, ir-raġuni, ir-realtà, it-tifsir, il-menti, u l-valur."
3. ^ Anthony Quinton, in T. Honderich (ed.), *The Oxford Companion to Philosophy* (Oxford University Press, 1995), p. 666: "Il-filosofija hi ħsieb kritiku u razzjonali, sistematiku dar in-natura ġenerali tad-dinja (il-metafiżika jew it-teorija tal-eżistenza), il-ġustifikazzjoni tat-twemmin (l-epistemoloġija jew it-teorija tal-għerf), u l-kondotta tal-ħajja (l-etika jew it-teorija tal-valur). Kull wieħed minn dawn it-tliet elementi għandu ekwivalenti non-filosofiku, u li minnu jintgħaraf mill-metidoloġija razzjonalment u kritikalment espliċita, u min-natura sistematika tiegħu. Kulħadd għandi xi fehma ġenerali dwar in-natura tad-dinja li jgħix fiha u ta' posthom fiha. Il-metafiżika tibdel is-suppożizzjonijiet inkorporati f'dal-fhemiet mhux argumentati ma' korp ta' twemmin razzjonali u organizzat dwar id-dinja in ġenerali. Kulħadd għandu ċ-ċans jiddubita t-twemmin, tiegħu stess u ta' ħaddieħor, b'iktar jew inqas suċċess u mingħajr teoriji għal dak li qed jagħmel. L-epistemoloġija tfittex, bl-argument, li taħgmel espċiti r-regoli tal-formazzjoni ta' twemmin korrett. Kulħadd imexxi l-kondotta tiegħu billi jidderiġiha lejn tmiem mixtieq jew magħżuż. L-etika, jew il-filosofija morali, fis-sens l-iktar inklussiv tagħha, tfittex li tartikola, f'forma razzjonaliment sistematika, ir-regoli u l-prinċipji involuti."
4. ^
5. ^
6. ^ Id-definizijoni ta' filosofija hi: "1.oriġ., imħabba, jew tfittxija, għall-għerf u l-għarfien 2. teorija jew analiżi loġika tal-prinċipji tal-kondotta, il-ħsieb, l-għerf, u n-natura tal-univers". '**,**
7. ^ Ara Diogenes Laertius: "Lives of Eminent Philosophers", I, 12 (http://www.perseus.tufts.edu/hopper/text?doc=Perseus%3Atext%3A1999.01.0258%3Abook%3D8%3Achapter%3D1); Cicero: "Tusculanae disputationes", V, 8–9
8. ^
9. ^ ***a*** ***b*** ***c***
10. ^ http://philosophy.fas.nyu.edu/page/undergrad
11. ^
12. ^ Rodriguez-Pereyra, Gonzalo (2008). "Nominalism in Metaphysics", *The Stanford Encyclopedia of Philosophy*, Edward N. Zalta (ed.). (link (http://plato.stanford.edu/archives/spr2008/entries/nominalism-metaphysics/))

> “ "Il-kelma 'Nominaliżmu', kif użata minn filosfi kontemporanji fit-tradizzjoni Anglo-Amerikana, hi waħda ambigwa. F'ċertu sens, l-iktar sens tradizzjonali tagħha, derivat mill-Medjuevu, jimplika ċ-ċaħda tal-universali. F'sens ieħor, iktar modern iżda li rabba daqstant għeruq, jimplika ċ-ċaħda t'oġġetti astratti" ”

13. ^ Strawson, P. F. "Conceptualism." Universals, concepts and qualities: new essays on the meaning of predicates. Ashgate Publishing, 2006.

Ara wkoll

- Filosofija f'Malta

Miksub minn "https://mt.wikipedia.org/w/index.php?title=Filosofija&oldid=244135"

L-aħħar bidla fuq il-paġna: 11:10, 21 Mej 2015.

It-test huwa disponibbli taħt il-Liċenzja Creative Commons Attribution-ShareAlike; jistgħu japplikaw xi kundizzjonijiet oħra. Ara l-kundizzjonijiet tal-użu għal aktar dettalji.